## Sigurtà tat-tagħrif dwar saħħtek

Aħna nsegwu standards stretti tal-gvern dwar il-ħażna sigura tat-tagħrif dwar saħħtek fil-formati kollha. Aħna regolarment insaħħu u nawditjaw s-sistemi tagħna biex inħarsu l-informazzjoni dwarek minn aċċess mhux awtorizzat, telf jew użu ħażin ieħor.

Is-servizzi tas-saħħa pubblika ta' NSW iżommu informazzjoni dwar is-saħħa f'rekords stampati, fuq sistemi tar-rekord mediċi elettroniċi lokali u fuq il-HealtheNet ta' NSW.

HealtheNet hu rekord elettroniku sigur mifrux mal-istat kollu li hu użat mis-servizz tas-saħħa pubblika ta' NSW. HealtheNet fih sommarju tal-informazzjoni dwar saħħtek, pereżempju, sommarji tal-ħruġ mill-isptar, riżultati tat-testijiet tal-patoloġija u dijanjostiċi tiegħek u tagħrif dwar il-mediċini.

Jekk tmur f'servizz tas-saħħa pubblika fi kwalunkwe parti ta' NSW, fil-biċċa l-kbira tal-każi dan is-sommarju ta' informazzjoni ser ikun disponibbli lill-istaff kliniku kuranti tiegħek permezz tal-HealtheNet.

## My Health Record (Ir-Rekord tas-Saħħa Tiegħi)

My Health Record hu sistema nazzjonali tar-rekord tas-saħħa diġitali tal-Awstralja. L-Awstraljani kollha għandhom My Health Record, għajr jekk int tagħżel li ma jkollokx wieħed.

Jekk int tattendi servizz tas-saħħa pubblika ta' NSW, sommarju tat-tagħrif dwar saħħek, ser jintbagħat lil My Health Record tiegħek. L-istaff tas-saħħa pubblika ta' NSW jista' wkoll jara, u jibagħat l-informazzjoni lil, My Health Record tiegħek.

NSW GOVERNMENT | Health

Jekk għandek My Health Record, imma ma tixtiqx li l-informazzjoni dwarek t'appuntament appuntament ma' tabib jew viżita fi sptar partikulari jkunu nklużi fil-My Health Record, int trid tgħarraf lill-provveditur tas-saħħa fil-bidu taż-żjara tiegħek.

Għal aktar tagħrif dwar My Health Record, ċempel 1800 723 471, jew mur fuq: www.myhealthrecord.gov.au

## Ikkuntatjana

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew ilmenti dwar il-privatezza tat-tagħrif personali dwarek, jekk jogħġbok ikkuntattja lil Privacy Contact Officer (Uffiċjal tal-Kuntatt tal-Privatezza) fl-aġenzija tas-Saħħa ta' NSW li jżommu t-tagħrif dwar saħħtek.

Għad-dettalji il-Privacy Contact Officer, jekk jogħġbok mur: www.health.nsw.gov.au/patients/privacy/Pages/privacy-contact.aspx

## Servizz ta' Traduzzjoni u Interpretar

Jekk għandek bżonn l-għajnuna biex tikkuntattja s-servizzi msemmija hawn fuq jew għandek bżonn traduzzjoni, jekk jogħġbok ċempel lis-Servizz tat-Traduzzjonijiet u tal-Interpretar (TIS) fuq 13 14 50.

Għall-fuljett ta' tagħrif dwar il-privatezza f'lingwi oħra, żur il-Multicultural Health Communications Service f': www.mhcs.health.nsw.gov.au

**Maltese**

**Privacy Leaflet for Patients**

**How we protect your health information**

# Fuljett dwar il-Privatezza għall-Pazjenti

### Kif inħarsu t-tagħrif dwar saħħtek

NSW GOVERNMENT | Health

## Ġbir ta' tagħrif dwar saħħtek

Biex nipprovdulek kura adattata, aħna niġbru firxa ta' tagħrif dwar saħħtek. Dan jista' jinkludi tagħrif dwar saħħtek, ir-riżultati tat-testijiet patoloġiċi u dijanostiċi tiegħek, x-ray u immaġini oħra, u tagħrif dwar il-mediċini tiegħek.

Aħna niġbru tagħrif tas-saħħa direttament mingħandek meta jkun possibbli. Jekk dan ma jkunx possibbli, jew f'każ ta' emerġenza, aħna nistgħu nirreferu għar-rekords ta' qabel dwar saħħtek, provvedituri oħra tal-kura tas-saħħa u l-My Health Record (Ir-Rekord Tiegħi tas-Saħħa).

Aħna jista' wkoll ikollna bżonn niġbru tagħrif mingħand xi membru tal-familja, ħabib/a, kerer jew persuna oħra bħal ngħidu aħna interpretu li jista' jgħinna nagħtuk kura adatta tas-saħħa.

## L-użu jew l-iżvelar tal-informazzjoni dwar saħħtek

It-tagħrif dwar saħħtek jista' jintuża mis-servizz tas-saħħa pubblika ta' NSW, jew ikun żvelat barra s-servizz tas-saħħa, biex jagħmluha possibbli li tingħatalek kura u trattament adattat.

Pereżempju, it-tagħrif dwarek jista' jintuża jew jiġi żvelat hekk kif ġej:

- lil servizzi oħra tas-saħħa, sptarijiet jew speċjalisti mediċi involuti fil-kura tas-saħħa tiegħek.
- lit-tabib tal-familja nominat tiegħek, inkluż tagħrif ipprovdut mad-dokumenti tar-riferiment għat-tluq tiegħek mill-isptar.
- lis-Servizz tal-Ambulanza ta' NSW
- lil My Health Record.
- biex nikkuntattjawk d-dar dwar l-appuntamenti li jistgħu jsiru wara.
- lill-kerer tiegħek biex jgħin fil-kura tiegħek
- biex nikkuntattjawk biex tagħtina kummenti dwar is-servizzi li tkun irċevejt.
- lill-ħaddiema pastorali, inklużi kappillani tal-isptar, li jipprovdu kura spiritwali u pastorali.
- lill-istudenti u ħaddiema oħra għall-fini tat-taħriġ.
- lis-servizzi oħra tas-saħħa u partijiet terzi awtorizzati biex jgħinu fil-prevenzjoni minn ' theddid serju u imminenti għall-ħajja, għas-saħħa jew il-benesseri ta' xi persuna bħal ngħidu aħna f'emerġenza.
- għall-skopijiet relattati mal-għoti tal-organi u tessuti. Dawn jistgħu jinkludu dettalji tal-kuntatt ta' min jiġi minnek mil-qrib.
- għall-attivitajiet tal-operat u immaniġġjar, inkluż dak ta' finanzi, ippjanar, sigurtà u titjib tal-kwalità.
- biex ninvestigaw ilment jew inċident.
- biex nimmaniġġjaw azzjonijiet jew klejm legali li jinġabu mill-pazjent/a kontra s-servizz tas-saħħa.

**Jekk ma tixtiqx li aħna niġbru, nużaw jew niżvelaw ċertu tagħrif dwarek, int trid tgħidilna u aħna ser niddiskutu miegħek kwalunkwe konsegwenzi li jistgħu jinqalgħu rigward il-kura ta' saħħtek.**

Il-liġi tippermetti wkoll jew titlob li t-tagħrif dwar saħħtek ikun żvelat lil partijiet oħra terzi pereżempju:

- lill-aġenziji tal-gvern Statali u tal-Commonwealth għall-finijiet tar-rapportar statutorji, bħal ngħidu aħna mard infettiv, kanċer jew mard ieħor notifikabbli, biex nirrappurtaw twelid u mwiet, u biex nipprovdu dettalji tal-Medicare.
- lir-riċerkaturi għall-proġetti ta' riċerka ta' interess pubbliku skont kif appruvati mill-Human Research Ethics Committee.
- lis-servizzi oħra tas-saħħa jew aġenziji tal-infurzar tal-liġi, bħal ngħidu aħna lill-pulizija, jekk tagħtina informazzjoni relattata ma' kriminalità serja, inkluż assalt serju, vjolenza domestika jew abbuż tat-tfal.
- lill-aġenziji oħra fejn it-tagħrif għandu x'jaqsam mas-sigurtà, benesseri jew trattament xieraq tat-tfal jew persuna żagħżugħa.
- biex jikkonformaw ma' ċitazzjoni jew mandat tat-tfittxija jekk it-tagħrif dwar saħħtek hu meħtieġ bħala xhieda f'qorti.

## Skema Nazzjonali tal-Inxurjans dwar id-Diżabilità (NDIS)

Jekk int jew xi ħadd għan-nom tiegħek, jagħtina kopja tal-Pjan tiegħek tal-NDIS jew dokumenti oħra tal-NDIS, aħna nkunu nistgħu nużaw jew niżvelaw dan it-tagħrif għall-skopijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kura tas-saħħa u s-servizzi soċjali tiegħek. Dan jista' jinkludi taqsim ta' tagħrif ma' aġenziji oħra tal-gvern, organizzazzjonijiet tas-settur privat jew mhux governattivi biex jgħinu servizzi tas-saħħa jew mhux tas-saħħa jissodisfaw il-bżonnijiet tiegħek.

## Aċċess għall-informazzjoni dwarek

Int intitolat titlob aċċess għat-tagħrif dwar saħħtek miżmum minna. Normalmalment int ser tiġi mitlub/a tapplika għall-aċċess bil-miktub u tipprovdi identifikazzjoni. Int tista' tiġi ċċarġjat miżata jekk titlob kopji tar-rekord dwar saħħtek. Aħna nirrispondu t-talbiet għall-aċċess tal-informazzjoni malajr kemm jista' jkun, u fil-biċċa l-kbira tal-każi mhux aktar tard minn 28 ġurnata.

L-aċċess għall-informazzjoni dwarek jista' jiġi miċħud f'ċirkustanzi speċjali, bħal ngħidu aħna fejn l-aċċess jista' jpoġġik jew lil persuna oħra f'riskju ta' dannu mentali jew fiżiku.

Jekk temmen li t-tagħrif li għandna dwarek hu inkorett jew sar xi żball, jekk jogħġbok għarrafna u aħna ser nikkoreġuh jew inżidu annotazzjoni mar-rekord dwar saħħtek.

Talbiet għall-aċċess għar-rekord dwar saħħtek għandhom jiġu indirizzati jew lil Medical Records Department jew lill-maniġer tal-faċilità tas-servizz tas-saħħa li attendejt.